18 ta' Frar, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

*Carmela Giacometto versus* Joseph Mifsud

**Sentenza — Board tal-Kera — Nullità — Ispezzjoni tal-Fond mill-Membri Tekniċi — Verbal — Proċedura — Art. 689 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li bis-saħħa tagħha l-Qorti għandha tagħmel verbal ta' aċċess minnha miżmum tapplika meta jkun jittratta minn aċċess, u meta dan l-aċċess jinżamm mill-istess Qorti li tordnah, u għalhekk jintervjeni fih l-Imħallef, jew il-Maġistrat, u r-Reġistratur, u mhix applikabili għall-"inspection" ta' fond li jsir mill-membri tekniċi tal-Board tal-Kera. Għax dik l-"inspection" mhix aċċess fis-sens ordinarju tal-kelma, imma sempliċi ispezzjoni li ż-żewġ membri tekniċi tal-Board jagħmlu biex ikunu jistgħu jagħtu l-fehma tagħhom in kollaborazzjoni mal-President tal-Board.*

*Barra minn dan, il-proċedura quddiem dak il-Board hi ta' indoli sommarja, u għalhekk ma għandhomx jitqiesu dejjem u f'kull okkażjoni applikabili għal dak il-Board is-solennitajiet kollha tal-Qrati ordinarji, ammenokkè ma jkunx hemm riferenza espressa għalihom fil-liġi tal-kera. "Multo minus" għandhom jiġu eskoġitati nullitajiet fuq il-pretiża vjolazzjoni ta' formalitajiet inapplikabili għall-proċedura tal-Board.*

*Lanqas jista' jingħad li l-fatt li ma sarx verbal ta' l-ispezzjoni tal-fond mill-membri tekniċi tal-Board jirrendi nulla s-sentenza tal-Board minħabba vjolazzjoni ta' ġustizzja naturali; għaliex l-ommissjoni tal-verbal, jekk qatt kellu jsir, ta' dik l-ispezzjoni ma jistax jingħad li ġieb xi preġudizzju lill-parti li tallega n-nullità tas-sentenza. Dik il-parti kienet talvolta ssofri preġudizzju kieku l-ispezzjoni ma saretx, jew kieku r-riżultat ta' l-ispezzjoni, kif mogħti mill-membri tekniċi tal-Board, ma jikkorrispondix mar-realtà.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla

tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attriċi, wara li tippremetti illi l-konvenut kien talab l-iżgumbrament tagħha mill-*fond* li qegħedha tokkupa nru. 696 High Street, Hamrun, liema fond huwa ta' proprjetà ta' l-istess konvenut;

U illi l-Board li Jirregola l-Kera, matul il-mori tal-ġudizzju tar-rikors fl-ismijiet "Joseph Mifsud vs. Carmela Giacomotto", deċiż fit-23 ta' Ġunju 1954, ordna ispezzjoni tal-periti tal-Board, skond verbal tad-19 ta' Mejju 1954, riżultanti mill-istess atti *tar-rikors*, li għalihom intgħamlet riferenza;

U, illi l-Board li Jirregola l-Kera għadda għad-deċiżjoni fit-23 ta' Ġunju 1954 mingħajr ma l-aċċess mizmum mill-periti tal-Board ma ġie verbalizzat, kif titlob il-Liġi tal-Proċedura, art. 689 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta Edizzjoni Riveduta, u, minħabba dan in-nuqqas, s-sentenza pronunzjata mill-Board fl-ismijiet "Joseph Mifsud vs. Carmela Giacomotto" tat-23 ta' Ġunju 1954 hija nulla u bla effett, billi l-istess sentenza hija esklużivament imperniata fuq dak li rriżulta lill-periti tal-Board mill-ispezzjoni li huma żammew fuq il-post, aċċess li, kif intqal fuq, ma ġiex verbalizzat skond il-liġi, u kwindi hija ma kienetx f'pożizzjoni li tikkontrolla dak li l-Board ħa konjizzjoni tiegħu biex wasal għall-konklużjonijiet riportati fl-imsemmija sentenza;

Titlob illi, premessi kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, jiġi dikjarat u deċiż li s-sentenza mogħtija mill-Board li Jirregola l-Kera fl-ismijiet fuq imsemmija fit-23 ta' Ġunju 1954, hija nulla u bla effett għar-raġunijiet fuq imsemmija u għal kwalunkwe kawżali oħra valida fil-liġi. Bl-ispejjeż. Il-konvenut ġie interpellat biex jagħti s-subizzjoni tiegħu;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-17 ta' Jannar 1955, li biha ddeċediet għall-esklużjoni tat-talba tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha; wara li kkunsidrat;

Illi l-attriċi tippretendi illi s-sentenza mogħtija mill-Board li Jirregola l-Kera fit-23 ta' Ġunju 1954, msemmija fiċ-ċitazzjoni, hi nulla u bla ebda effett, għaliex l-ispezzjoni miżmuma mil-Membri Tekniċi ta' dak il-Board ma ġietx verbaliz-

zata skond kif trid il-liġi fid-dispożizzjoni tal-art. 689 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15);

*Illi l-pretensjoni tal-attriċi mhix sostenibili.* Tabilħaqq, id-dispożizzjoni tal-liġi ċitata mill-attriċi tapplika biss għal meta jkun jittratta minn aċċess, u meta dan l-aċċess jinżamm mill-istess Qorti li tordnah, u għalhekk jintervjeni fih l-Imħallef jew Maġistrat u r-Reġistratur, appuntu biex b'hekk il-Qorti tkun debitament kostitwita, waqt illi fil-każ taħt konsiderazzjoni kien jittratta mhux minn aċċess, imma sempliċement minn "inspection" ta' fond mill-membri tekniċi tal-Board, mingħajr ma intervjena fih la l-Maġistrat u lanqas ir-Reġistratur. *Anki kieku l-"inspection" tista' tiġi ekwiparata għal* aċċess veru u proprju, ġie ritenut illi l-proċediment quddiem il-Board tal-Kera hu sommarju, u għalhekk id-dispożizzjonijiet li huma komminati mill-Liġi tal-Proċedura, speċjalment meta jirrigwardaw nullità tal-forma, mhumiex dejjem applikabili quddiem dak il-Board, mingħajr espressa riferenza għal dawk id-dispożizzjonijiet (Vol. XXXII-I-50); u l-liġi (Kap. 109) ma tagħmel ebda riferenza espressa għad-dispożizzjoni ċitata mill-attriċi;

*Barra minn dan, bis-sempliċi ommissjoni tal-verbal,* jekk qatt kellu jsir, ta' dik l-"inspection", ma jistax jingħad kif tippretendi l-attriċi, illi dina sofriet xi preġudizzju. Hija kienet talvolta ssofri preġudizzju kieku l-"inspection" ma saretx; imma l-attriċi tammetti illi din saret (ara dikjarazzjoni ta' l-attriċi fol. 3), jew kieku r-riżultat ta' l-istess "inspection", kif mogħti mill-membri tekniċi liċ-Chairman tal-Board, riportat fid-deċiżjoni tat-23 ta' Ġunju, 1954, ma jikkorrispondix mar-realtà. Imma l-attriċi mhix qegħdha tibbaża l-preġudizzju *pretiż sofferit minnha fuq dan il-motiv;*

Rat fol. 15 il-petizzjoni ta' l-attriċi, li biha talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, u li jiġu milqugħin it-talbiet tagħha; bl-ispejjeż:

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Minbarra l-konsiderandi li wasslu l-ġudikant in prima istanza għall-konklużjoni fuq imsemmija, hemm anki dawn:

Il-leġislatur, meta waqqaf il-Board li Jirregola l-Kera,

inkluđu fost il-membri li jikkomponuħ żewġ arkitetti u inġinieri ċivili, bl-iskop evidenti li jkun hemm persuni li jistgħu jagħtu l-parir tagħhom speċjalizzat fuq punti tekniċi. Għalhekk, meta jsir l-eżami tal-fond mill-periti tal-Board, dan ma hux aċċess fis-sens ordinarju, imma sempliċi ispezzjoni li ż-żewġ membri tekniċi tal-Board stess qegħdin jagħmlu biex jistgħu jagħtu l-fehma tagħhom in kollaborazzjoni mal-President tal-Board:

Hu elementari li l-proċedura quddiem il-Board hi ta' indoli sommarja, u għalhekk ma għandhomx jitqiesu dejjem u f'kull każ applikabili għall-Board is-solennitajiet kollha tal-Qrati ordinarji, anmenokkè ma jkunx hemm riferenza speċjali għalihom fil-liġi relativa, Kap. 109. "Multo minus" għandhom jiġu eskoġitati nullitajiet fuq il-pretiża vjolazzjoni ta' formalitajiet inapplikabili għall-proċeduri tal-Board;

Lanqas jista' jingħad li ġie vjolat xi prinċipju ta' "natural justice"; għax ma sar xejn ta' preġudizzju għall-attriċi;

Għalhekk;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellanti.

---